# MALTA

**ATT Nru. XX ta' l-1990**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, Kap. 36.**

**ACT No. XX of 1990**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Prevention of Disease Ordinance, Cap. 36.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

22 ta' Mejju, 1990

**ATT Nru. XX ta' l-1990**

*ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, Kap.36.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali". Kap. 36.

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

**2.** L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "annimali" minflok il-kliem "b'erba' saqajn;" għandhom jidħlu l-kliem "b'erba' saqajn, u ħut;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "fabbrika", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ħut" tinkludi ħut imġewnaħ, molluski u krostaċeji, sew ta' l-ilma ħelu jew ta' l-ilma baħar;".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 373 tas-16 ta' Mejju, 1990.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*